MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 642/2001
Kawza Numru. 15

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIO PISANI**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**JAMES FARRUGIA ta' 29 sena, iben John u Josephine nee' Fox, imwieled Valletta nhar il-25.03.1982, residenti Binja Hamrija Flats Indipendenza, Triq l-Ghenieq, Naxxar, karta ta' l-identita' numru 198182M;**
**OMISSIS;**
**JOHN FARRUGIA ta' 47 sena, iben Edward u Tessie nee' Farrugia, imwieled il-Hamrun nhar id-29.01.1964, residenti Binja Hamrija, Indipendenza Flats, Triq l-Ghenieq, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 151564M;**
**U OMAR CARUANA ta' 36 sena, iben Francis u Anna nee' Rapa, imwieled Tas-Sliema nhar l-10.12.1974, residenti Mediterranean Flats, 7, Triq it-Tamar, Qawra,**

**San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 030477M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **James Farrugia**, **Joseph Stephen Gabriele, John Farrugia**, u **Omar Caruana** li gew akkuzati talli:

i. F'dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq il-Qawra, Qawra, nhar is-26 ta' Ottubru, 2001 ghall-habta ta' 0330hrs, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' PS 614 S Garzia, PC 675 D Sciberras, u PC 559 Jason John Spiteri f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija, u dan kif iccertifikaw it-Tabib Pierre Ellul MD u t-Tabib J Schembri MD mill-Isptar San Luqa (Art 214, 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

ii. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, xewxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ngabru f'numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat, u cioe' griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS 614 S Garzia u griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 675 D Sciberras u PC 559 Jason John Spiteri, ufficjali pubblici (Art 68(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

iii. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 614 S Garzia, PC 675 D Sciberras, u PC 559 JJ Spiteri, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni;

iv. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' whud inkarigati, u cioe' ta' PS 614 S Garzia, PC 675 u PC 559 skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew

bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz (Art 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

v. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil PS 614 S Garzia, PC 675 D Sciberras, u PC 559 Jason John Spiteri kontra l-volonta’ taghhom (Art 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

vi. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe’ fl-uniformi ta’ PS 614 S Garzia u PC 559 Jason J Spiteri, liema ammont ta’ hsara jammonta ghal mhux aktar minn Lm50.00 (Art 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

vii. U aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, m’obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija (Art 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

viii. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor (Art 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

ix. U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha (Art 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

x. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ bil-Belt Valletta, nhar is-26 ta’ Ottubru, 2001, ghall-habta ta’ 4.30am, ikkaguna hsara fil-vettura tal-Ghassa tal-Belt bin-numru tar-registrazzjoni GVP 120 liema hsara volontarja ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Art 325(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

xi. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC

942 Saviour Chircop, perusna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti (Art 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

xii. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil PS 782 Joseph Schembri, PS 928 Ramon Mifsud Grech, PC 942 Saviour Chircop, PC 583 Patrick Attard, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz (Art 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

xiii. U aktar talli lil **John Farrugia wahdu**, huwa persuna li titqies recidiva, wara li kif kien gie kkundannat ghar-reat b'sentenza li tkun saret definittiva ghamel reat iehor (Art 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li fil-mori ta' dawn il-proceduri miet il-ko-imputat Joseph Stephen Gabriele – fil-fatt l-Ispettur Martin Sammut kien ezebixxa certifikat tal-mewt ta' l-istess Gabriel, folio 264 Dok MS.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe':

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 282)

Ghandu jigi premess mill-gdid illi dan il-gudizzju huwa fil-konfront tal-ko-imputati Farrugia u Caruana, in kwantu Gabriel illum jinsab decedut – ghalhekk, nonostante li l-Avukat Generali baghat l-Artikoli anke fil-konfront tieghu, certament il-proceduri fil-konfront tieghu huma ezawriti. Gie ezebit ghalhekk certifikat tal-mewt tal-istess Caruana, Dok MS folio 264.

Rat il-provi kollha prodotti, u hawn ser jigu prodotti l-punti saljenti naxxenti mill-istess.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza fil-fatt si tratta dwar allegat aggrediment da parti tal-imputati fuq membri tal-Korp tal-Pulizija. Ghalhekk a priori gew ezebiti tliet certifikati medici, l-aktar partikolari minhabba l-gravita' li jista' jimporta huwa dak li xehed fuqu Dr Pierre Elllul, cioe' Dok PE a folio 24.

Fil-fatt fix-xhieda tieghu, kif rifless fl-istess certifikat imsemmi, Dr Ellul qal illi s-Surgent Garcia kien sofra diversi qatghat fuq wiccu u anke kellu bicca minn sinna nieqsa. Stabilixxa li l-griehi sofferti minn Garcia kienu gravi, dan minhabba li kellu snienu (wahda) miksura u qatgha fuq wiccu. Xehed fil-fatt illi kellu lacerated wound fuq imniehru, bruise fuq ir-right side of forehead, swelling on the right side of his lip, grif fuq wiccu fuq in-naha tar-right, u fuq l-incisors fuq is-snien kellu bicca ccippjata, anke scratch mark fuq ir-ras. Xehed li barra s-sinna, il-griehi kienu gravi minhabba l-qatgha li kellu fil-wiccc (folio 17).

L-Ispettur Pio Pisani (dak iz-zmien) ezebixxa wkoll Dok PP u Dok PP1 (folio 25 – 26) fil-konfront tal-pulizija Jason John Spiteri (PC 559) u Sciberras David PC 675, li t-tnejn sofrew griehi ta' natura hafifa f'dan ir-rigward. Ezebixxa wkoll l-istess Spettur sitt ritratti dwar il-hsara li sofriet il-vettura tal-pulizija allegatament mano ta' l-imputat John Farrugia, Dok PP2 folio 27.

Dwar il-hsara xehed anke l-Ispettur Mario Tonna li qal illi kien hu li kien ordna dawn ir-ritratti li jittiehdu. Dan gara ghaliex meta l-pulizija marru wara l-incident ta' hdejn il-Fuego, (allura fejn wegghu il-pulizija aktar 'il fuq imsemmija) John Farrugia kien irrezista l-arrest u aggredixxa l-vettura tal-pulzija. Pero l-Ispettur Tonna xehed illi aktar tard wara dan it-tieni ncident (li ghalih m'assistiex) huwa kien gie nfurmat li John Farrugia kien minn jeddu mar l-Ghassa, bl-ghajnuna tal-familjari tieghu.

Dwar il-hsara sofferta mill-vettura tal-pulizija, ta' dan l-Ispettur ezebixxa stima ta' Lm5.75, Dok MT folio 44.

Aktar tard dwar hsarat u ohra sofferti, xehed ukoll PS 75 Carmelo Abela li ezebixxa stima ta' hsarat sofferti fl-uniformijiet ta' PS 614 Garzia u PC 59 Spiteri, ghall-ammont ta' Lm40.68, Dok CA folio 116.

Dwar l-incident primarju xehdu t-tliet ufficjali tal-pulizija, allegatament aggrediti, PS 614 Garzia, PC 675 David Sciberras, u PC 559 Jason John Spiteri.

Garcia qal illi hu flimkien ma' Sciberras u Spiteri mar hdejn il-Fuego Qawra, wara li kienu gew infurmati li kien hemm glieda. Xehed illi kif waslu ra Mercedes bin-numru AMG036, isuq minn hdejn il-post u karozza ohra bajda (GAT 794) fil-genb tal-Fuego. Staqsa lis-security guard tal-Fuego kellhomx bzonn xi ghajnuna, wegibhom fin-negattiv. Ghalhekk il-pulizija gew biex jitilqu minn fuq il-post, hawn regghet giet lura l-Mercedes li minnha nizlu sebgha minn nies. Nizlu anke mill-karozza l-bajda. Dawn in-nies avvicinaw lill-pulizija u bdew jinsulentawhom. Jghid Garcia li hu staqsa lil wiehed minnhom ghala kienu qed jaghmlu hekk gialadarba l-pulizija ma kellhom ebda argumenti maghhom. Dawn wiegbu li ma kellhom xejn ghalihom personali, pero li kellu kontra l-uniformi li kienu lebsin. Zied "…u qabdu fina dawn." "Qabdu, imbuttawni, tawni bis-sieq, imbuttawni ma' l-art, qabdu jiggieldu maghna." (folio 47). Gharaf tlieta minn dawn in-nies li aggredewh, mentri fir-rigward ta' Omar Caruana qal illi dan kien jghajjat fil-background. Identifika lil John Farrugia bhala dak illi qallu li kellu kontra l-uniformi li kienu lebsin.

Xehed Garcia dwar din l-aggressjoni "Jiena gejt imbuttat minn wara u mill-genb, intfajt mal-art, cioe' tefghuni mal-art, u bdew ixejruli bis-sieq fuq rasi". (folio 50) Qal illi dak il-hin intilef minn sensieh. Qal ukoll illi meta gie f'sensieh sab ukoll li kellu l-uniformi mqatta'.

Dwar il-partecipazzjoni ta' Omar Caruana, qal in kontro ezami li kliemu qabel l-istess aggressjoni kien aggressiv. Qal illi hu ma rax lil Caruana jaggredieh.

Saljenti li qal ix-xhud illi hu u shabu fil-mument ta’ din l-aggressjoni kienu bl-uniformi. Iddistingwa wkoll b’mod car lil John Farrugia bhala l-bniedem li kien qieghed ikellmu, u inoltre li kien wiehed milli aggredieh (folio 50).

In kontro ezami PS 614 Garcia qal illi mill-vettura Mercedes hargu madwar seba’ minn nies, zgur John Farrugia u t-tifel tieghu (il-ko-imputat James Farrugia) u jidhirlu Omar Caruana. Ikkonferma li John u James Farrugia kienu fost dawk in-nies li kienu qed ikellmu lill-pulizija, mentri Omar Caruana kien qieghed ixewwex il-gemgha. Zied ix-xhud illi hu ma kienx jiftakar, fuq suggeriment ta’ l-Avukat Difensur, illi John Farrugia kien qieghed jimbotta lura lil wiehed mill-ko-imputati jew izomm lil xi hadd.

Is-Surgent Garcia kien car f’diskorsu meta qal “……James Farrugia kien fost dawk in-nies li xxuttjawni. Kienu hu u John, ghalhekk identifikajhom, ghax dawn kienu qrib tieghi u dawn kienu qed jixxuttjawni.” (folio 334) Ikkonferma wkoll illi hu gharaf lil James Farrugia anke fl-identification parade, kien insistenti fuq dan.

Rega’ xehed in kontro ezami Garcia, **tminn snin wara** (enfasi tal-Qorti) li nghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Tali enfasi tal-Qorti qieghda taghmlu minhabba l-konsiderazzjoni tat-trapass taz-zmien li ghamlu l-partijiet fit-trattazzjoni taghhom ta’ l-eventwali piena. Hawn Garcia xehed fuq is-sinna chipped li sofra kagun tal-aggressjoni li ghadda minnha. Dwar dan xehed illi mar ghand id-dentist tieghu, u biex irranga dan nefaq is-somma ta’ Lm200.00

Qal ukoll, aktar tard (stante li din it-tieni xhieda ma hargitx bit-tape), illi John Farrugia u ibnu James kienu tawh kumpens, cioe’ civilment gie kumpensat. Ikkonferma wkoll illi fil-konfront ta’ John Farrugia hu kien irrinunzja ghal dak li kien rinunzjabbli, li kien lest jahfer. Innega pero li hu qatt qal, cioe’ qatt xehed, illi John Farrugia kien fil-fatt ipprova jwaqqaf l-aggressjoni.

Xehed ukoll PC 559 Jason John Spiteri, ukoll involut fl-incident in dezamina. Anke dan xehed dwar il-fatt illi nizlu jistaqsu, hu flimkien mal-pulizija l-ohra, lill-bouncers tal-Fuego x'kien gara. Xehed illi f'dak il-hin kien hemm karozza Mercedes ta' lewn skur li telqet minn fuq il-post. Il-bouncers idderigewhom biex isegwu l-Mercedes. Sadanittant din il-vettura regghet instaqet ghal fuq il-post u hemm waqfet. Xehed illi minn fiha hargu xi sebgha persuni, mentri hargu erbgha ohra minn vettura bajda li dejjem baqghet fuq il-post. Xehed illi John Farrugia beda jghajjat, anki jidghi. Xehed illi beda jidghilhom talli marru jarrestawh. Spjega lis-Surgent, allura Garcia prova jikkalmah, mentri Farrugia qallu li ma kellu xejn kontra tieghu personali imma kontra l-uniformi li kienu jgorru. Xehed illi f'daqqa u hin Omar Caruana mbotta lix-xhud u minn wara shabu bdew jaghtuh id-daqqiet. Spjega li Caruana mbuttah u li laqqat daqqa ta' ras go geddumu minghand John Farrugia. Xehed illi daru ghalih Caruana u Gabriel, umbaghad qala' erba' daqqiet mhux hazin go wiccu, b'dan illi l-ewwel daqqa qalaghha minghand Omar Caruana. Dik l-ewwel daqqa ta' sieq xehed li jiftakar li qalaghha go widnejh. Qal illi rnexxielu jisgicca u warrab ghan-naha l-ohra tat-triq. Kien hawn, kif kompla jixhed, li nduna li s-Surgent kien mimdum ma' l-art u sebgha minn nies jaghtu fuqu. Iddeskriva, jaghtu bis-salvagg fuqu (folio 70). Kien hawn li l-pulizija l-iehor dahal fil-vettura u ghajjat ghall-ghajjut – hawn l-aggressuri rikbu fil-karozzi taghhom u telqu.

Ikkonferma li fl-ID parade gharaf lill-erba' mputati. Ikkonferma wkoll il-griehi minnu sofferti u d-dannu li sofra fl-uniformi.

In kontro ezami xehed illi kien jiftakar li John u Omar hargu minn gol-Mercedes, pero ma kienx jaf dwar Jason. Qabel li James Farrugia kien aktar fuq il-barra tal-grupp li beda jghajjat mal-pulizija. Qal ukoll illi sema' lil John Farrugia jghid lill-pulizija "Lilkom ma jmisskom hadd." Innego pero li John Farrugia kien qieghed izomm lil Omar Caruana. Qal illi l-ewwel daqqa ta' Omar, lilu. Eskluda li James Farrugia lilu messu, pero kkonferma wkoll illi lilu John Farrugia tah daqqa ta' ras, dan wara li mbuttah

Omar. Ma setax pero jghid jekk John Farrugia baqax jaghtieh il-hin kollu, anke x'hin kien ma' l-art. Pero ftakar illi Omar baqa' jaghtieh fis-sieq. Qal illi John Farrugia tah meta kien bil-wieqfa mhux mal-art.

Aktar tard, anzi snin wara, Spiteri rega' ttella' jixhed in kontro ezami. Din id-darba qal illi kien qed jahfer lill-akkuzati u anke li minhabba t-trapass taz-zmien ma kellu ebda interess fil-kawza.

PC 675 David Sciberras kien it-tielet pulizija nvolut fl-incident in dezamina, ghalhekk anke hu mar jaghti l-assistenza tieghu lill-bouncers tal-Feugo. Ukoll xehed illi dak il-hin telqet Mercedes ta' kulur skur minn fuq il-post. Wiehed mill-bouncers tal-lokalita', certu Genio Lanzon, indirizzahom biex isegwu l-istess Mercedes. Pero jghdi illi din l-istess Mercedes regghet irritornat lura u minnha hargu sebgha minn nies. Gharaf minnhom lill-imputati. Qal ukoll illi minn vann iehor ipparkjat aktar 'l isfel hargu xi hames persuni ohra.

Sema' lil John Farrugia jidghi – kellimhom hazin (kliem riprodott a folio 87). Imbotta lil PC 559 Spiteri minn sidru. Qal illi huma lanqas biss kienu kellmuhom. Zied anzi li hu lil dawn in-nies qatt ma kien rahom. Qal illi Omar Caruana anke beda joffendiehom bil-familja. Qal illi l-Kuntistabbli Spiteri harab, bl-imputati Farrugia, Gabriele, u Caruana jigru warajh, lahquh, bdew jaghtuh u tefghuh ma' l-art. Grupp iehor ta' madwar sitta minn nies u bdew jaghtuh ukoll. Gera lejn il-vettura biex jitlob l-assistenza, on the way ra lil Spiteri mitluq ma' l-art u l-persuna li ohra jsawtu lil Garcia, brutalment bis-sieq go wiccu. Kif l-aggressuri ndunaw li qed jitlob l-ghajnuna grew minn fuq il-post. Mar fuq Garzia u sabu mixhut ma' l-art, mimli demm, mitlub minn sensieh. Spiteri ghalkemm ma' l-art ukoll, wara ftit qam fuq saqajh.

Xehed illi l-imputati kollha kienu mdawrin ma' Garcia, jaghtuh fis-sieq.

Qal hekk dwar ma' min kienu mdawrin l-akkuzati: "Imdawrin kollha kienu ….Bhala gemgha, gemgha

mdawrin mieghu, kulhadd jaghtieh bis-sieq…..l-erbgha li huma…..” (folio 89). Ikompli jixhed “Is-Surgent kien mitluq mal-art jipprova jilqa’ d-daqqiet.” (ibid)

Ikkonferma wkoll illi waqt l-ID Parade gharaf lill-imputati Farrugia u lil Gabriel.

Innega in kontro ezami li hu uza f’dan l-incident spray ghax fuqu ma kellux. Qal illi Garcia waqt li kien qed jaqla’ d-daqqiet kien minddu ma’ l-art idejh ma’ wiccu, ihares pero ‘l fuq, dahru ma’ l-art b’idejh quddiem wiccu.

Gie riprodott l-istess Kuntistabbli. Xehed illi mill-griehi hfief illi sofra hu ma kellu jhallas xejn, cioe’ ma sofra ebda dannu finanzjarju. Rega’ ttella’ fis-sena 2010 in kontro ezami, issa qal illi minn dakinhar ‘l hawn qatt ma kellu ncidenti mal-imputati, kien lest illi jahfrilhom kif ukoll illi ma kellu ebda pretensjoni fil-konfront taghhom.

Minn naha tieghu PS 782 Joseph Schembri kkonferma li fuq ordni u struzzjonijiet tal-Ispettur Pio Pisani kienu hargu jfittxu karozza Toyota u ohra Mercedes, kellhom jarrestaw lil John Farrugia. Qal illi meta sabuh, Farrugia deher aggressiv, beda jinsulentahom, ikellimhom hazin, u jaghti bil-ponn u bis-sieq fuq il-vettura tal-pulizija.

PS 928 Ramon Grech xehed ukoll dwar dan l-incident, u li sema’ lil Farrugia jitkellem hazin, rah jaghti tliet daqqiet ta’ sieq lill-vettura tal-pulizija, tant li anke kissrilhom il-mera tal-karozza. Anke ta daqqa ta’ ponn fuq il-windscreen.

PC 942 Saviour Chircop ukoll gharaf lil Farrugia gewwa Great Siege, il-Belt, u kkonferma wkoll illi beda jaghti u jinsulentahom u kien aggressiv. Anke hu kkonferma li beda jaghti bis-sieq lill-karozza tas-servizz, u anke ta bil-ponn fuq il-windscreen, tant illi anke kellhom jitolbu l-ghajnuna tal-SAG. Dan ikkonfermah anke x-xhud PC 583 Patrick Attard.

Simon Grima – wiehed mill-proprjetarji tal-Fuego, Qawra u San Giljan, qal illi fil-hin tal-incident hu kien l-ufficju, u sema’ ghajjat fit-triq. Hareg u hemm ra hamsa minn nies

jargumentaw. Qal illi f'hin minnhom waslu tliet pulizija. Waslet ukoll karozza sewda, waqfet bi break qawwi u nfethu l-erba' bibien. Ghalih dawn gew biex jiggieldu, dan xehed illi ssuponieh bl-aggressivita' li waqfet biha l-karozza. Semma skondtu aggravation. Meta rega' hareg ra pulizija fl-art faccata tal-Fuego. Hu cempel lill-pulizija. Spjega wkoll illi meta fil-bidu waslu l-pulizija dawn kellmu lill-bouncers, l-atmosfera ghalih kienet mejta, ma kien hemm xejn. Hu cempel lill-pulizija x'hin il-vettura s-sewda waqfet bi break qawwi.

Is-Surgent 1360 Joseph Hersey kien partecipanti fl-ID parades kondotti. Ikkonferma li Garcia gharaf in-numri 5, 7, u 8 - Dok A, li jigu John Farrugia, James Farrugia, u Joseph Gabriel rispettivament.
Fir-rigward ta' sheet B, qal illi PC 675 David Sciberras gharaf lil John Farrugia (no 1); Joseph Gabriel bin-numru 3, u James Farrugia bin-numru 6. Fir-rigward Dok C xehed illi PC 559 Jason Spiteri, gharaf lin-number 1 James Farrugia; number 4 lil John Farrugia, u n-number 7 Joseph Gabriel. In kontro ezami senjalament qal illi n-numri jitfaghhom bhala mazz karti u kull individwu jaghzel wiehed.

WPC 63 Janet Zammit ippartecipat fl-ID parade billi gibdet ir-ritratti tal-istess, ezebiti bhala Dok JZ.

Xehed Genio Andrew Lanzon, Security mal-Fuego Night Club, Qawra. Qal illi minn gewwa l-club talbuh biex jidhol gewwa, minn hemm ra hergin minn jeddhom tlieta minn nies. Hargu mill-club u kif kienet il-procedura anke minhabba l-hin, ghalaq il-gate warajhom. Qal illi dawn hargu bil-kwiet. Qal illi xi tliet minuti wara, semghu storbju fit-triq u li minhabba r-residenti, l-imghallem Grima cempel lill-pulizija. Qal illi waslu l-pulizija u li l-vettura Mercedes li kienet telqet bin-nies li kienu hargu, kienet ghadha kif titlaq. Dahal gewwa l-club ikompli b'xogholu, sakemm hareg sab, anzi ra s-Surgent mal-art.
Mar jassistieh. Ra ukoll karozza ghaddejja bi speed. Ikkonferma li hu ra lill-pulizija s-Surgent, jitrieghed mal-art, induna li kien mugugh u li kellu bzonn l-ghajnuna.

Mario Cutajar, ukoll security mal-Fuego, xehed illi kein gewwa l-club u xi wiehed xurban, qaleb xi tazzi. Dan minn jeddu hareg ‘il barra. Qal illi wara ghaxar minuti hareg u ra s-Surgent mal-art u lil siehbu jassistieh.

Francis Noel Axiaq, ukoll security mal-Fuego, ukoll ikkonferma li hargu xi nies mill-club ghax waqqghu xi drinks. Meta hareg xi ghaxar minuti wara, ra pulizija mal-art li kien qed jigi assistit minn siehbu Genio Andrew.

Brian Farrugia ghad-Dipartiment tal-Licenzji xehed illi l-vettura Mercedes AMG036 kienet tghajjat lil certu Guido Whitelaw, mentri t-Toyota GAT796 kienet tghajjat lil certu Joseph Camilleri.

Ghalhekk xehed dan Guido Whitlock li kkonferma li hu fil-fatt kien biegh il-vettura Mercedes lil Omar Caruana nonostante li kien ghadu ma sarx transfer taghha. Qal ukoll illi l-karozza ma kinitx ghadha f’idejh, izda f’idejn Omar Caruana.

Dwar il-vettura GAT794 Toyota, ix-xhud Tarcisio Borg, car dealer, xehed illi John Farrugia kellu Peugeot 405 u hu kien partathielu ma’ din il-vettura Toyota. Ghalhekk, ghalkemm ma kinx ghadu sar it-transfer, il-vettura hu kien taha lil Farrugia.

Dwar ir-recidiva xehed l-Ispettur Peter Paul Zammit, dan fil-konfront tas-sentenza ezebita a folio 199 – gharaf ghalhekk lill-imputat John Farrugia bhala l-akkuzat f’dik is-sentenza, Dok PP.

Sentenza ohra ezebita hija Dok PP1 wkoll kontra John Farrugia, u ohra Dok PP2, ukoll fil-konfront ta’ John Farrugia. Fil-konfront ta’ dawn l-ahhar sentenzi xehed bhala xhud tal-identita’ l-Ispettur Pierre Micallef-Grimaud (folio 256 u folio 260).

Rat ukoll ix-xhieda ta’ Dr Stewart Schembri fil-konfront ta’ Jason John Spiteri u David Sciberras li kienu skont dan ix-xhud ta’ natura hafifa.

Rat ukoll l-ezami mediku forensiku li Dr Mario Scerri kkonkluda fuq PS 614 Saviour Garcia dwar il-griehi minnu sofferti, Dok MS.

Ikkunsidrat:

Illi certament mill-provi mressqa t-tliet imputati kienu partecipanti fl-aggressjoni fuq it-tliet ufficjali tal-pulizija, Garcia, Spiteri u Sciberras bir-rizultat li Garcia sofra l-aghar griehi.

In succinct Garcia minn naha tieghu jikkonferma li kemm James kif ukoll John Fararugia aggredewh u xxuttjawh. Qal ukoll illi hu rcieva minghand l-imputati Farrugia kumpens ghad-danni li kien sofra. Xehed ukoll illi kien qieghed jirrinunzja ghal dak li kien rinunzjabbli. Senjalament ikkonferma wkoll illi John Farrugia **qatt** ma pprova jwaqqaf l-aggressjoni.

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti li Omar Caruana ta daqqa ta' ras u bis-sieq lil PC 559, kif ukoll li skont ix-xhieda ta' Sciberras ra lill-imputati Caruana u Degabriele jigru wara Spiteri li anke pprova jahrab, tant illi tawh bis-sieq u tefghuh mal-art. Sciberras anke xehed illi ra lill-imputati kollha mdawrin ma' Garcia u jaghtuh bis-sieq. Anke fil-konfront ta' Sciberras u Spiteri li sofrew griehi ta' natura hafifa kien hemm rinunzja fil-konfront tal-imputati.

Jirrizultaw ukoll il-hsarat li sofrew l-uniformijiet ta' pulizija f'din l-aggressjoni.

Jirrizulta wkoll illi kien John Farrugia li fil-fatt ikkaguna hsarat fuq il-vettura tal-pulizija.

Illi in vista' ta' dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront tal-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (dan fil-konfront tal-griehi sofferti minn Garcia) pero mhux tal-Artikolu 217 u 218 in kwantu ma' jirirzultawx il-mezzi prospettati fl-Artikolu 217, u lanqas il-gravita' taht l-Artikolu 218. Lanqas ma gie ben stabbilit minn kien responsabbli ta' xi incitement taht l-Artikolu 68, konsegwentement qed jigu liberati mill-effetti ta' dan.

Tillibera ghall-istess raguni stante li ma jirrizulta ebda sekwestru taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
Issib htija ai termini tal-Artikoli 325, 338, 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u biss fil-konfront ta' John Farrugia anke ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli, 17, 20, 22, u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; rat ukoll il-verbal tal-partijiet li fil-kaz ta' htija gie suggerit l-applikazzjoni tal-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – fatt li l-Qorti gia' hija ex juris prekluza li taghmel fil-konfront ta' John Farrugia, stabbilita r-recidiva.

Dwar il-piena, ikkunsidrat il-gravita' u l-effett li attack ta' dan it-tip fuq membru tal-korp tal-pulizija fuq xogholhom – sahansitra bl-uniformi, jhalli fuq is-socjeta';
Ghaldaqstant qieghda tikkundanna lil James Farrugia u Omar Caruana ghal piena karcerarja effettiva ta' disa'(9) xhur kull wiehed; u lil John Farrugia ghal piena karcerarja ta' tnax(12)-il xahar – dawn il-pieni huma miti stante l-mahfra tal-pulizija nvoluti.

Rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li semghet ix-xhieda ta' Guido Whitlock u Tarcisio Borg, u ghalhekk stabbiliet lil min verament jghajtu l-vetturi GAT796 u AMG036, konsegwentement tordna l-konfiska taz-zewg vetturi msemmija. F'dan ir-rigward tordna wkoll illi jittiehdu passi fil-konfront tal-persuni koncernati in vista' tan-nuqqas tat-transfer registrat skont il-Ligi fil-konfront taz-zewg vetturi.

Tippremetti wkoll din il-Qorti illi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma setax jigi applikat in vista' li l-ispejjez inkorsi mill-periti mqabbda ma gewx konstatati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------